MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-7 ta' Awwissu, 2014

Citazzjoni Numru. 1123/2013

**BANIF BANK (MALTA) p.l.c.** (C-41030)

vs

**LOGSERV CO. LTD.** (C-49901), bħala kumpannija debitriċi prinċipali; u McBen's Limited (C-13264); Silved Developers Limited (C-11452); Paul Attard, Adrian Zammit u Josette Zammit, ilkoll bħala garanti *in solidum* mal-kumpannija debitriċi prinċipali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-22 ta' Novembru, 2013, bil-proċedura sommarja speċjali, li bih is-soċjeta attriċi, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet:

(1) li din il-Qorti taqta' il-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet tal-artt 167 *et seq* tal-Kap 12; (2) issib li l-imħarrkin għandhom jagħtu lill-Bank attur is-somma ta' miljun erba' mija u ħmistax-il elf u mija u ħamsin euro u sebgħin ċenteżmi (€1,415,150.70) u (3) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu lill-kumpannija attriċi s-somma komplessiva ta' €1,415,150.70. Talbet ukoll l-ispejjeż, tal-qorti u dawk amministrativi, flimkien mal-imgħaxijiet legali, b'seħħ mit-3 ta' Novembru, 2013, sal-jum tal-ħlas effettiv, u dan bir-rata tad-disgħa u nofs fil-mija (9.5%) fis-sena f'dak li jirrigwarda s-somma dovuta fuq il-*Loan Accounts*, u bir-rata tal-għaxra fil-mija (10%) f'dak li jirrigwarda s-somma dovuta fuq il-*Current Account;*

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Jannar, 2014[1], li bih awtorizzat in-notifika ta' uħud mill-imħarrkin wara l-ħinijiet legali, u dak tal-4 ta' Marzu, 2014[2], li bih awtorizzat in-notifika bil-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni;

Rat in-Nota mressqa mill-Bank attur waqt is-smigħ tal-15 ta' Mejju, 2014[3] li bih irrinunzja għall-atti fil-konfront tal-imħarrkin Adrian u Josette Zammit;

[1] Paġ 83 tal-proċess
[2] Paġ 86 tal-proċess
[3] Paġ 87 tal-proċess

Rat li l-imħarrkin li baqgħu fil-kawża lkoll laqgħu n-notifika tal-atti tar-Rikors Maħluf u tal-Avviż tas-Smigħ bil-mezz tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni;

Rat in-nota mressqa mis-soċjeta attriċi waqt is-smigħ tal-lum[4] li biha rriduċiet it-talba għas-somma ta' €1,352,131.68 stante ħlas akkont fil-mori tal-kawża;

Rat in-nota mressqa mill-konvenuti li għadhom fil-kawża, waqt is-smigħ tal-lum[5] li biha ammettew t-talba attriċi kif ridotta;

Rat ukoll il-kundizzjonijiet l-oħrajn magħmulin fl-imsemmija Nota u maqbulin bejn il-partijiet;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, t-talba ridotta tirriżulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeċiedi billi **tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta attriċi** u tgħaddi biex taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

**tilqa' t-tieni talba attriċi** u ssib li l-imħarrkin Logserv Co. Ltd. (C-49901), bħala debitriċi ewlenija u lil McBen's Ltd. (C-13254), Silved Developers Limited (C-11452) u Paul Attard, bħala garanti solidali mad-debitriċi ewlenija, għandhom jagħtu lill-Bank attur, flimkien u solidament bejniethom, is-somma ta' miljun tliet mija u tnejn u ħamsin elf mija u wieħed u tletin euro u tmienja u sittin ċenteżmi (€1,352,131.68);

---

[4] Paġ 98 tal-proċess
[5] Paġ 98 tal-proċess

**tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imsemmija mħarrkin, flimkien u solidament bejniethom iħallsu lill-Bank attur is-somma ta' €1,352,131.68) flimkien mal-imgħaxijiet mitluba sal-jum tal-ħlas effettiv;

*****tipprovdi li,** sakemm il-kumpannija mħarrka Logserv Co. Ltd twettaq ħlasijiet regolari kull xahar ta' mhux anqas minn ħamest elef euro (€5,000), ir-rata ta' mgħax applikabbli tkun ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena u l-Bank attur iżomm lura milli jeżegwixxi t-titolu eżekutiv tiegħu bis-saħħa ta' din is-sentenza sa żmien tliet (3) snin millum;

**tordna** li l-kumpannija mħarrka debitriċi Logserv Co. Ltd. tħallas l-**ispejjeż tal-kawża.**

*****Korrezzjoni awtorizzata b'degriet tat-28 ta' Awwissu, 2014 a tenur tal-art. 825(1) tal-Kap 12.**

**tipprovdi li,** sakemm il-kumpannija mħarrka Logserv Co. Ltd twettaq ħlasijiet regolari kull gimgha ta' mhux anqas minn ħamest elef euro (€5,000), ir-rata ta' mgħax applikabbli tkun ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena u l-Bank attur jobbliga ruhu li mhuwiex ser jesegwixxi t-titolu ezekuttiv relattiv sa massimu ta' tliet snin, sa liema perijodu il-bilanc ikun irid jigi mhallas fl-intier tieghu"

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------